MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru 432/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. Lawrence Cutajar)**
**(Spettur Anthony Cachia)**

**vs.**

**Carmel Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Falzon ta' 48 sena, bin Anthony u Carmen nee Vella, imwieled Zebbug, Malta fis-16 ta' Lulju 1959 u residenti Cor Jesu, Triq is-Sindku P. Vella, Zebbug, Malta, detentur tal-karta tal-identita 479859(M):

Akkuzat talli:

1. Nhar it-12 ta’ Mejju 2008 ghall-habta ta’ 8.15p.m. u fi zminijiet ta’ qabel, minn gewwa l-fond Cor Jesu, Triq is-Sindku P. Vella, Zebbug, Malta ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva taht dawk ic-cirkustanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun illi huwa ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu; u

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dahhal f’Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli jew xoghol tan-nar inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenzja ma tigix moghtija kemm-il darba ma jittiehdux il-prekawzjonijiet mehtiega ghal harsien tal-hajja u tal-propjeta, u

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghal bejgh jew hazen porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija

4. U aktar talli garrejt porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tirrevoka l-licenzja tal-imputat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fil-26 ta’ Settembru 2008, fejn deherlu li tista’ tinstab htija:

a) fl-artikolu 313 tal-Kodici Kriminali;
b) fl-artikoli 3, 9, 16, 27, 28, 29 u 30 tal-Kapitolu 33.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Wara li semghet il-provi;

Wara li rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

## Il-Fatti

Illi mill-provi jirrizulta pruvat, anzi lanqas huwa kontestat, li l-fatti li taw lok ghal dawn l-imputazzjonijiet huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa dilettant tal-loghob tan-nar tal-festi u ghandu l-licenzja tal-Kategorija B – cioe bhala assistent tal-persuni li jkollhom licenzja tal-Kategorija "A", taht ir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar Kontroll ta’ Xogholijiet tan-Nar u Esplossivi ohra.[1] Huwa kien jassisti fix-xoghol tan-nar fil-kamra tan-nar 12th May, li tinsab ukoll Haz-Zebbug. Il-persuna li kellha l-licenzja tal-Kategorija A - cioe il-persuna kwalifikata fil-manifattura u s-sorveljanza ta’ xoghlijiet tan-nar kien certu Joseph Calleja, li bhala licensee A kien ukoll responsabbli tal-kamra tan-nar 12th May.

2. Fit-12 ta’ Mejju 2008 fil-ghaxija, il-Pulizija ta’ Haz-Zebbug, Malta, irceviet telefonata anonima li fuq il-bejt tar-residenza Cor Jesu, Triq is-Sindku P. Vella, Haz-Zebbug, kien hemm xi nar lest biex jinharaq, u li aktarx kien bla permess.

3. Il-Pulizija marru fuq il-post u sabu lill-imputat, li hu ko-proprjetarju tar-residenza *de quo*, li informa lill-pulizija li huwa kellu l-permess necessarju sabiex jahraq in-nar minn fuq il-bejt. Pero minn tfittxija li ghamlet il-pulizija fil-post irrizulta li f’diversi kmamar ta’ din id-dar kien hemm kwantita ta’ materjal iehor konness mal-loghob tan-nar bla permess.

4. Fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu, l-imputat ammetta li huwa kien jiehu dan ix-xoghol tan-nar mill-kamra tan-nar tat-12th May, ipoggih fil-karozza tieghu u jiehdu d-dar

[1] Legislazzjoni Sussidjarja 33.03

sabiex jahdmu hemmhekk. L-imputat jammetti li huwa kien jaf li dan ma setghax legalment jaghmlu, pero jghid li huwa xorta kien jaghmel dan ghaliex fl-opinjoni tieghu, ix-xoghol li kien jiehu d-dar ma kienx perikoluz hafna, u kien ihoss li jista' jaghmlu d-dar. Huwa kien jaghmel dan ix-xoghol fuq bazi volontarja. Meta kien ilesti x-xoghol, kien jiehdu lura l-kamra tan-nar.

5. Mir-rapport tal-espert tekniku l-Kaptan Jeffrey Curmi[2] jirrizulta li l-licensee A, cioe Joseph Calleja, kien gab il-permessi tal-pulizija necessarji sabiex ikun jista' jahraq minn fuq ir-residenza tal-imputat stoppini u musketterija. Pero fuq il-bejt tar-residenza tal-imputat instabu wkoll zbruffaturi u rdieden, li ma kienux koperti bil-permess. In oltre, l-istoppini li kien hemm fuq il-bejt kellhom diametru ta' ¾ ta' pulzier (19mm), meta l-ligi ssemmi stoppini ta' mhux aktar minn centimetru (10mm) diametru.[3] Ghalhekk mhux in-nar kollu fuq il-bejt kollu kien kopert bil-permess u lanqas ma kien kollu skont il-ligi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-imputat jinsab akkuzat bi ksur tal-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali u bi ksur ta' diversi disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mhux kontestat li l-materjal li instab fir-residenza tal-imputat jaqa' fid-definizzjoni ta' *"sustanza esploziva"* kif definita fl-Artikolu 314 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk: *"Ghall-finijiet tal-ahhar tliet artikoli qabel dan* – u ghalhekk anke ghall-finijiet tal-Artikolu 313 – *"il-kelmiet "sustanza esplosiva" ifissru ukoll kull haga li biha tista' ssir sustanza esploziva; kif ukoll kull apparat, makna, ghodda, inkella materjal uzat, jew qieghed biex jigi wzat, jew tajjeb biex jikkaguna jew biex ighin l-esplozjoni ta' sustanza esploziva, inkella esplozjoni b'dik is-sustanza; kif ukoll kull parti ta' dan l-apparat, makna jew ghodda."*

[2] Dok GC a fol. 54 tal-process.
[3] Legislazzjoni Sussidjarja 33.03, it-Tieni Skeda, paragrafu B(d).

Lanqas huwa kontestat li l-materjal li instab fir-residenza tal-imputat jaqa' fid-definizzjoni tal-kelma *"esplozivi"* li skont l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 33 tfisser: *"porvli tal-isparar, nitroglicerina, dynamite, gun-cotton, porvli ghal mini, fulminate tal-merkurju jew ta' metalli ohra, fjammi ta' Bengala, klurat tal-putassa, klurat tal-barju, u kull sustanza ohra, sew bhal dawk hawn imsemija jew xort'ohra, uzata jew mahduma sabiex tipproduci rizultat prattiku bil-mezz ta' spluzjoni jew b'effett pirotekniku; u tfisser ukoll sinjali tac-cpar, xoghlijiet tan-nar, micec, murtali tal-ftuh, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skratec, munizzjon ta' kull xorta, u kull adattament jew preparazzjoni ta' esplosiv kif imfisser hawn fuq."*

Mir-relazzjoni tal-espert tekniku l-Kaptan Jeffrey Curmi jirrizulta, li apparti, in-nar li kien hemm armat fuq il-bejt, lest biex jinharaq – li kif diga inghad mhux kollu kien kopert bil-permess, u mhux kollu kien mahdum skont il-ligi – fil-kmamar tad-dar tal-imputat instabu fil-kwantitajiet indikati fil-parentezi: diversi tahlit ta' gass ta' kuluri differenti (8.7 kg), porvli (2kg), musketterija irqieqa (700 wahda), musketterija hoxna (200 wahda), beraq (220 wahda), nicec (20 metru u 50 bicca ta' pied il-wiehed), gassijiet lesti – kuluri differenti (5000), sfafar (110), zbruffaturi ta' daqsijiet differenti (58), ftuh tal-kulur (58), stilla ta' daqsijiet differenti (920), stilla jew bomba (1) u funtani tal-porvli (81).

Il-Kaptan Jeffrey Curmi ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:

*"23. L-esponent hu tal-opinjoni li l-materjal kollu li nstab god-dar kellu l-potenzjal li jikkawza nar qawwi li mhux facli li jintefa. Dan in-nar mhux biss jista' jikkawza danni fil-proprjeta ta' Mr. Falzon, izda jista' wkoll jinfirex fil-madwar.*

*24. Il-possibilita li dan l-isplussiv jisplodi u jwaqqa' bini bil-kawza tal-blast kienet minima, u dan seta' jigi deciz wara li l-esponent ikkunsidra kemm il-kwantita u t-tip ta' materjal li nstab kif ukoll kif kien mahzun.*

*25. L-isplussiv li nstab go din il-proprjeta huwa illegali li jinhazen go postijiet abitati; dan il-materjal ghandu jinhazen go fabbrika tan-nar legali. Hazna ta' materjal bhal dan jista' ukoll joffri perikolu lill-haddiema tas-salvatagg bhal haddiema tat-tifi tan-nar, kieku dawn xi darba kellhom jigu mghajjta biex jahdmu f'din id-dar, f'kaz ta' hruq accidentali. Dan ghar-raguni li ma kien hemm ebda indikazzjonijiet ta' perikolu bhal mal-ligi titlob li jkun hemm f'kamra tan-nar legali, i.e. tabelli li juru li hemm materjal splussiv, jew attivita relatata ma' xoghol tan-nar.[4]*

*26. In-nar li nstab fuq il-bejt kien bil-permess tal-Pulizija b'applikazzjoni minn Mr. Calleja, hlief l-izbruffaturi u l-irdieden li ma kienux jidhru fl-applikazzjoni. L-istoppini kellhom diametru akbar minn dak stipulat bil-ligi, pero l-musketterija kienet ippreparata ghall-hruq kif suppost u kif titlob il-ligi."*

Fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami,[5] l-espert tekniku, il-Kaptan Curmi kompla jispjega fuq il-perikolu li kien jirrapprezenta l-materjal splussiv li instab fid-dar tal-imputat u qal hekk: *"… … ghidt illi l-potenzjal li kellu dan in-nar, li kieku ha kollu, ma kienx illi jwaqqa' l-bini pero kien johloq nar qawwi. Ovvjament ghandek kwantitajiet. Dan huwa materjal illi jinharaq u huwa difficli wisq biex titfieh ghax dan ghandu l-oxidising agent mieghu. Dan m'ghandux bzonn arja biex jaqbad. Jigifieri anke jekk tipprova titfieh b'affarijiet li suppost titfi n-nar, mhux facli biex dan isir. Jigifieri il-problema li ser iwaqqa' l-bini ma kinietx kbira. Il-problema li kien hemm kienet nar qawwi u li jista' jinfirex, kemm fil-proprjeta tieghu u kemm fil-proprjeta ta' haddiehor."*

L-imputat mhux qed jikkontesta l-fatt li b'dak li kien qed jaghmel huwa kien qed jikser il-ligi. Pero fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu jiddefendi ruhu billi jghid li fl-opinjoni tieghu l-materjal li huwa kien qed jiehu d-dar ma kienx daqstant perikoluz. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-imputat jissottolinea l-fatt li fir-rapport tieghu, l-espert tekniku

[4] Legislazzjoni Sussidjarja 33.03 Paragrafu 3
[5] Ara fol. 77 tal-process.

jikkonkludi illi l-possibilita li dan l-isplussiv jisplodi u jwaqqa' l-bini bil-kawza tal-blast kienet minima. Fl-istess nota, l-imputat jissottometti wkoll li l-fatt li fir-relazzjoni l-espert ghamel riferenza ghal mod kif kien mahzun il-materjal, *"hija indikazzjoni li l-imputat m'huwiex xi cowboy kif l-imputazzjonijiet facilment jistghu iwasslu lil wiehed jahseb li hu."*

Fl-ewwel lok jigi osservat li ghalkemm huwa vera li l-espert tekniku kkonkluda li l-possibilita li dan l-isplussiv jisplodi u jwaqqa' bini bil-kawza tal-blast kienet minima, pero din il-possibilita lanqas giet eskluza. Wiehed irid jiftakar li fil-fond instabu 220 berqa. Issa skond l-istess espert tekniku il-beraq *"huwa dak l-isplussiv li jaghmel hafna mill-hsara li wiehed jista' jinnota meta ttir kamra tan-nar. Il-fatt li l-beraq li nstabu kienu lesti, cioe ma kienx hemm tahlita tal-berqa "loose", ir-riskju li jisplodu jonqos xi ftit, pero wiehed ma jista' qatt jiggarantixxi li spluzzjoni ma tistax issehh. L-ammont ta' beraq li nstabu, u kif kienu mahzuna, jistghu joffru perikolu lil persuna jew persuni jkunu fil-vicin; perikolu ta' "amputations" ta' parti mill-gisem bhal swaba jekk ikunu f'kuntatt mal-persuna, u perikoli ta' "secondary fragments"*[6] *ghall-persuna li tinsab bejn 0-10 metri 'l boghod (jew aktar skond l-kwantita ta' materjal splussiv u l-ambjent ta' madwarhom.* Ghalhekk il-potenzjal ta' spluzzjoni ma giex eskluz, u ghalkemm tali spluzzjoni ma kienitx se tikkaguna daqstant dannu fil-bini, daqskemm tikkaguna spluzjoni f'kamra tan-nar, xorta wahda kien hemm il-perikolu li kawza tal-ispluzjoni, terzi persuni innocenti fil-vicinanzi tad-dar jwegghu gravament, jekk mhux ukoll b'mod fatali – apparti d-dannu li jista' jsir fil-bini adjacenti ghad-dar tal-imputat.

Fit-tieni lok, l-espert tekniku jikkonkludi li l-biza l-iktar reali kien li dan il-materjal esplussiv jikkawza nar qawwi li mhux facli li jintefa'. Pero dan ma jfissirx, kif donnu jissottometti l-imputat fin-nota tieghu, li n-nar huwa inqas perikoluz

6 *"Secondary fragments huma bicciet ta' materjal li jkun jinstab fil-vicin tal-isplussiv qabel spluzjoni, u li jigi progettat b'sahha liema bhala f'kull direzzjoni rizultat tal-istess spluzjoni. Ezempju meta splussiv qieghed fuq maduma u jisplodi, s-secondary fragments ikunu jikkonsistu f'bicciet tal-madum. Dawn il-bicciet jistghu jwegghu jew sahhansitra joqtlu persuna."*

minn spluzjoni. Ghalkemm ma jikkagunax tigrif ta’ bini immedjat, in-nar, jekk jinfirex fil-madwar, mhux biss jista’ jikkawza danni ingenti fil-proprjeta ta’ terzi, izda jista’ jikkaguna griehi gravi jekk mhux fatali lil terzi. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-espert tekniku fuq kwotata, peress li dan il-materjal ghandu *oxidising agent* mieghu, jekk jinharaq huwa difficli hafna biex titfieh ghaliex m’ghandux bzonn arja biex jaqbad. Ghalhekk tali nar huwa wkoll ta’ perikolu ghall-haddiema ta’ salvatagg, bhal haddiema tat-tifi tan-nar, iktar u iktar meta ma kien hemm l-ebda tabella li tindika li f’dik id-dar kien hemm materjal splussiv, jew attivita relatata ma’ xoghol tan-nar.

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tqis li r-reati kommessi mill-imputat huma serjissimi, ghaliex bir-riskju arbitrarju li l-imputat ghogbu jiehu biex jissodisfa d-delizzju tieghu, huwa kien qieghed ipoggi fil-perikolu mhux biss lilu nnifsu u l-proprjeta tieghu, izda wkoll il-hajja u l-persuna tal-girien tieghu u l-proprjeta taghhom, kif ukoll ta’ perikolu gravi lil persuni ohra li jistghu ikunu ghaddejjin mill-vicinanzi tad-dar tal-imputat fil-hin tal-incident jew haddiema tas-salvatagg. Dawn il-persuni setghu kollha potenzjalment jisfaw vittmi innocenti tal-egoismu tal-imputat.

Rigwardanti l-piena, dina l-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha, apparti li tirrifletti s-serjeta tar-reati, isservi mhux biss ta’ deterrent ghall-imputat biex ma jergax jikkommetti reati simili, izda wkoll ta’ deterrent ghal dawk kollha dilettanti tal-loghob tan-nar tal-festi biex ma jintraprendux f’dawn ir-reati jew reati simili, li jistghu ikunu ta’ daqstant perikolu mhux biss ghalihom infishom, izda wkoll ghal terzi innocenti.

Il-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta gie sostanzjalment emendat permezz tal-Att VIII tal-2008, liema Att dahal fis-sehh fid-29 ta’ Lulju 2008. Kwindi ghall-kaz odjern japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi riferibbli ghall-pieni li kienu vigenti qabel id-29 ta’ Lulju 2008, u dan billi kif jirrizulta anke mit-tahrika, ir-reati *de quo* sehhew fit-12 ta’ Mejju 2008 u fiz-zminijiet ta’ qabel.

Pero l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 33 jippreskrivi illi *"Il-pieni stabbiliti fid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew xi regolamenti maghmulin tahtha jghoddu biss meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat punibbli b'pieni akbar taht il-Kodici Kriminali, jew taht xi ligijiet ohra; f'dan il-kaz ighoddu l-pieni kontemplati f'dak il-Kodici jew ligijiet ohra."* Issa, l-pieni kontemplati fil-Kapitolu 33 qabel l-emendi tal-Att VIII tal-2008 kienu jwasslu sa piena massima ta' sitt (6) xhur habs jew multa sa massimu ta' €465.87 ghal kull reat. Min-naha l-ohra l-piena kontemplata fl-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali twassal ghal piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa' disa' snin, u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation u tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma japplikawx. Konsegwentement, in ottemperanza tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 33, ghall-fini tal-piena, din il-Qorti se tapplika biss il-piena kontemplata fl-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali, u mhux ukoll dawk kontemplati fil-Kapitolu 33.

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali netta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 313 u 30 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 3, 9, 16, 27, 28, 29, 30 u 41 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija.

In oltre, il-Qorti qieghda tordna l-iskwalifika tal-hati mil-licenzja mahruga lilu taht il-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tminn (8) snin mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €389.97, li ghandhom

jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------